



Brussell, is-7 ta' Marzu 2018

## AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

### IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-GARANZIJI TAL-ORIĠINI TAL-ELETTRIKU MINN SORSI TA' ENERĠIJA RINNOVABBLI

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li, sakemm ma jkunx hemm ftehim ratifikat dwar il-ħruġ<sup>1</sup> li jstabilixxi data oħra, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni tieqaf tapplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019, 00:00h (CET) ("id-data tal-ħruġ")<sup>2</sup>. Ir-Renju Unit imbagħad isir "pajjiż terz"<sup>3</sup>.

It-tnejn għall-ħruġ mhijiex biss kwistjoni f'idejn l-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali iżda wkoll għall-partijiet privati.

Fl-isfond tal-inċertezzi konsiderevoli, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-kontenut ta' ftehim eventwali dwar il-ħruġ, il-partijiet ikkonċernati kollha<sup>4</sup> huma mfakkra bir-riperkussjonijiet legali li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet attwalment applikabbli tal-liġi tal-Unjoni, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta r-Renju Unit isir pajjiż terz.

Sakemm ma jkunx hemm arranġament tranżitorju li jista' jkun inkluż fi ftehim eventwali dwar il-ħruġ, b'seħħ mid-data tal-ħruġ, id-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli<sup>5</sup> u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija<sup>6</sup> mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit. Dan iwassal b'mod partikolari għall-konsegwenzi li ġejjin fl-oqsma tal-Garanzija tal-Oriġini u ċ-Ċertifikazzjoni ta' Installaturi.

<sup>1</sup> Għaddejnin negozjati mar-Renju Unit bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar il-ħruġ.

<sup>2</sup> Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, jista' b'mod unanimu jiddeċiedi li t-Trattati jieqfu japplikaw f'data aktar tard.

<sup>3</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

<sup>4</sup> Il-produtturi tal-enerġija rinnovabbli, il-produtturi tal-elettriku minn produzzjoni ta' elettriku u sħana fl-istess ħin b'effiċjenza għolja (CHP - Combined Heat and Power), il-korpi emittenti u fornituri li jużaw il-Garanziji tal-Oriġini, installaturi ċertifikati ta' bojlers u stuġi tal-bijomassa fuq skala żgħira, is-sistemi fotovoltajċi solari u termali solari u is-sistemi ġeotermali tal-wiċċ u pompi.

<sup>5</sup> Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

<sup>6</sup> Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 315, 14.11.2012, p.1).

## 1. GARANZIJI TAL-ORIĠINI

F'konformità mal-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/28/KE, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-garanzija tal-oriġini tinħareġ b'rispons għal talba minn produttur tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Il-garanziji tal-oriġini jinħarġu bl-iskop li jkunu ta' prova għall-konsumaturi finali dwar is-sehem jew il-kwantità ta' enerġija li tkun geġja minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'taħlita ta' enerġija ta' fornitur tal-enerġija skont l-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2009/72/KE<sup>7</sup>. F'konformità mal-Artikolu 15(9) tad-Direttiva 2009/28/KE, l-Istati Membri jridu jirrikonoxxu l-garanziji tal-oriġini maħruġa minn Stati Membri oħrajn<sup>8</sup>.

Il-garanziji tal-oriġini li jkunu nħarġu minn korpi nominati fir-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/28/KE mhux se jibqgħu jiġu rikonoxxuti mill-Istati Membri tal-UE-27 mid-data tal-ħruġ.

F'konformità mal-Artikolu 14(10) tad-Direttiva 2012/27/UE, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-oriġini tal-elettriku prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja tista' tiġi ggarantita skont kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji. Għal dak il-għan, huma joħorġu elettronikament garanziji tal-oriġini ta' daqs standard ta' 1MWh li jkunu jinkludu mill-inqas l-informazzjoni speċifikata fl-Anness X ta' dik id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu b'mod reċiproku l-garanziji tal-oriġini tagħhom<sup>9</sup>.

Mid-data tal-ħruġ, il-garanziji tal-oriġini li jkunu nħarġu minn korpi nominati fir-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 14(10) tad-Direttiva 2012/27/UE mhux se jibqgħu jiġu rikonoxxuti mill-Istati Membri tal-UE-27.

## 2. ĊERTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLATURI

F'konformità mal-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2009/28/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm disponibbli skemi ta' ċertifikazzjoni jew skemi ta' kwalifikazzjoni ekwivalenti għall-installaturi ta' bojlers u stuġi tal-bijomassa fuq skala żgħira, għal sistemi fotovoltajċi solari u sistemi termali solari, għal sistemi ġeotermali tal-wiċċ u għal pompi tas-sħana, li għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fl-Anness IV tad-Direttiva msemmija. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi ċ-ċertifikazzjoni maħruġa minn Stati Membri oħra f'konformità ma' dawk il-kriterji.

Iċ-ċertifikazzjonijiet tal-installaturi mogħtija mir-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2009/28/KE mhux se jibqgħu jiġu rikonoxxuti mill-Istati Membri tal-UE-27 mid-data tal-ħruġ.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar il-politika tal-enerġija (<https://ec.europa.eu/energy/en/home>) jipprovdi informazzjoni ġenerali. Dawk il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

---

<sup>7</sup> Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

<sup>8</sup> Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 15(9) tad-Direttiva 2009/28/KE, li permezz tagħha Stat Membru jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi l-garanzija tal-oriġini biss jekk ikollu dubji bbażati fuq raġunijiet sodi dwar il-preċiżjoni, l-affidabbiltà jew l-awtentiċità tagħha.

<sup>9</sup> Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 14(10) tad-Direttiva 2012/27/UE.

